MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1854/2005

**The General Soft Drinks Co Ltd**

**Vs**

**Yassine Co Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Novembru, tas-sena 2005, in forza ta` liema s-socjeta` qed titlob sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta` mitejn u disgha u tmenin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm289.47), rapprezentanti prezz ta` merkanzija mibghuha u kkonsenjata lill-istess socjeta` konvenuta fil-post kummercjali maghruf bhala "Paxa Take Away", kif jidher mir-rendikont anness ma` dawn l-atti u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mill-4 ta` Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu.

Ra wkoll ir-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 16 ta` Dicembru, tas-sena 2005, fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li qed tallega illi l-istess socjeta` konvenuta kienet intitolata li tircievi commissions u rebates minghand is-socjeta` attrici fuq il-bejgh ta` l-istess merkanzija li ghaliha qed jintalab hlas fl-odjerna kawza.

Saret riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti fosthom Dok. A prezentat ma` l-avviz u kif ukoll Dok. AS1, AS2, AS3 u AS4 ezebiti a fol. 19 et seq tal-process.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi t-talba migjuba mis-socjeta` attrici tinsab koroborata u pruvata tramite x-xhieda prodotta minn Aldo Saliba u kif ukoll mid-dokumenti minnu ezebiti.

Jigi rilevat illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta nghatat l-opportunita` sabiex tipprezenta l-provi taghha, b`referenza ghal kontestazzjoni minnha migjuba, hija naqset milli taghmel dan.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jilqa` t-talba attrici, kwindi jichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta fuq nuqqas ta` provi u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif mitluba ta` mitejn u disgha u tmenin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm289.47), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-4 ta` Ottubru, 2003 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------